ANNUAL REPORT

# RAPPORT ANNWALI 2020



THE MALTA COMMUNITY CHEST FUND FOUNDATION

# “TTEJJEB IL-KWALITÀ TAL-ĦAJJA TA’ INDIVIDWI U S-SOĊJETÀ IN ĠENERALI”

Improving the quality of life and care of individuals and society in general

**THE MALTA COMMUNITY CHEST FUND FOUNDATION**

THE MALTA COMMUNITY CHEST FUND
FOUNDATION

The Malta Community Chest Fund Foundation
The Palace, Valletta, Malta
Sant' Anton Palace, Attard
T. +356 22053 500 | E. mccf@gov.mt

# WER

Table of c

6

MESSAĠĠ MIL-E.T GEORGE VELLA, PRESIDENT TA' MALTA
**MESSAGE FROM H.E GEORGE VELLA, PRESIDENT OF MALTA**

8

MESSAĠĠ MIS-SINJURA MIRIAM VELLA
**MESSAGE FROM MRS. MIRIAM VELLA**

10

CHAIRPERSON TAL-BORD TAL-AMMINISTRATURI, MARLENE MIZZI
**CHAIRPERSON'S STATEMENT, BOARD OF ADMINISTRATORS MCCFF, MARLENE MIZZI**

14

MEMBRI TAL-UNIT TAL-ASSISTENZA MEDIKA
**MEMBERS OF THE MEDICAL ASSISTANCE UNIT**

14

MEMBRI TAL-UNIT TAL-ASSISTENZA SOĊJALI
**MEMBERS OF THE SOCIAL ASSISTANCE UNIT**

16

MESSAĠĠ MIĊ-CHAIRPERSON KLINIKU U KONSULENT TAL-ONKOLOĠIJA DR. NICK REFALO
**MESSAGE FROM CLINICAL CHAIRPERSON AND CONSULTANT CLINICAL ONCOLOGIST, DR. NICK REFALO**

REJ

contents


18
MESSAĠĠ MINN CLAIRE MICALLEF PULE', COMMUNITY CHEST FUND MANAGER
**MESSAGE FROM CLAIRE MICALLEF PULE', COMMUNITY CHEST FUND MANAGER**

20
IL-PROĊESS TAL-APPLIKAZZJONI
**THE APPLICATION PROCESS**

22
TESTIMONJANZI
**TESTIMONIALS**

24-27
ATTIVITAJIET U INIZJATTIVI 2020
**ACTIVITIES & INITIATIVES 2020**

28
THE PRESIDENT'S KITCHEN GARDEN

30-37
SUMMARY FINANCIAL STATEMENTS



## MESSAĠĠ MIL-E.T GEORGE VELLA, PRESIDENT TA' MALTA

Żgur li ħadd minna ma jiftakar sena bħal dik tal-2020!

Pajjiżna bħal bqija tad-dinja nħakem minn virus li għamel ħerba fuq saħħet il-poplu, kif ukoll kellu effetti diżażstrużi fuq l-ekonomija tal-pajjiż milquta, u t-tessut soċjali tagħhom.

Ħajjitna nqalbet ta' taħt fuq u xejn ma baqa' kif kien. Ħlief li b'eċezzjonijiet żgħar, (bħal fil-każ tal-influwenza staġjonali) il-mard l-ieħor kollu baqa' għaddejj bħal ma kien qabel.

Il-ħidma tal-Malta Community Chest Fund, f'dan l-isfond ma setgħetx ma tiġix milquta ħażin. Kif mistennija t-talbiet għall-għajnuna komplew deħlin għand l-MCCFF bħas-snin ta' qabel, anzi żdiedu.

Minn naħa l-oħra, l-MCCFF ġiet iffaċċata bil-problema li minħabba r-restrizzjonijiet imposti mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet li normalment kienu jsiru biex jinġabru xi fondi kellhom jiġu mħassra.

Laħqu ġew organizzati l-Ballu tal-President li nżamm fil-Casino Maltese, u l-Festa taċ-Ċitru. B'ħafna qtigħ ta' qalb irnexxielna norganiżżaw l-August Moon Ball – fost miżuri stretti, bħal pereżempju li ma jsirx żfin.

Il-Fine Arts Auction seta' jsir għaliex huwa prattikament virtwali, imma avvenimenti bħal Rockestra u l-Fun Run kellhom jitħassru.

Biex forsi ndaħħlu xi fondi, ġie deċiż li ssir Maratona ta' ġbir f'Settembru, li kienet suċċess.

Sadanittant ġie milqut ħażin ukoll d-dħul mill-Kitchen Garden, minħabba l-miżuri tas-saħħa.

F'dan il-perjodu ġie deċiż li jsir refurbishment kbir tal-Kitchen Garden li għadu għaddej sal-lum u mistenni jagħti dehera kompletament ġdida lil dan il-kumpless, li l-qliegħ kollu tiegħu jmur għall-MCCFF.

### Wieħed jispera li dak li għaddejna minnu fl-2020 isir biss memorja kerha u ma nerġgħux ngħaddu minna.

Irrid nirringrazzja b'mod partikolari lic-Chairperson is-Sinjura Marlene Mizzi għat-tmexxija tagħha tal-MCCFF kif ukoll l-istaff tal-uffiċċju tiegħi għax-xogħol ta' organizzazjoni u preparazzjoni għall-attivitajiet li saru. Nirringrazzja wkoll lill membri kollha tal-Bord tal-Amministratturi u dak tas-Supervisory Council għax-xogħol li jagħmlu, kif ukoll il-membri kollha tal-core groups li jieħdu ħsieb l-attivitajiet.

Nirringrazzja wkoll lill-istaff li jieħdu ħsieb t-talbiet għall-għajnuna soċjali u medika, kif ukoll il-membri tal-Boards li jiddeċiedu dwar dawk it-talbiet.

Il-missjoni tal-MCCFF hija waħda nobbli u altruwistika. L-ispejjeż kibru, imma daqstant ieħor kibret id-determinazzjoni li ma nħallu lill-ħadd li jkollu talbiet ġusti li jiġi minsi jew imwarrab.

Li nkomplu għaddejjin jiddependi ħafna fuq il-ġenerożità tal-eluf li jikkontribwixxu, kif ukoll id-donaturi l-kbar li ma għandix kliem biex nirringrazzjhom għall-għotjiet li jagħmlu sena wara l-oħra.

Fejn ma jaslux dawn il-fondi dejjem sibt l-għajnuna tal-Gvern, u ta' dan irrid niżżiħajr.

Is-Sena 2020, kienet waħda li nisperaw ma narawx oħra bħala f'ħajjitna kollha.

## FOREWORD BY H.E. GEORGE VELLA, PRESIDENT OF MALTA

Surely none of us remember a year like 2020!

Our country, like the rest of the world, has been plagued by a virus that has ravaged the health of the nation, and had disastrous effects on the a ffected countries' economy, and their social fabric.

Our lives turned upside down and nothing remained as it was before. However apart from a few exceptions, (as in the case of seasonal flu) all other illnesses were still occurring as before.

The work of the Malta Community Chest Fund, in this context, could not but be adversely affected.

As expected, the requests for assistance to the MCCFF continued as in previous years, and actually increased.

On the other hand, the MCCFF had to face the problem that due to the restrictions imposed by the Health Authorities, most of the usual fundraising events had to be cancelled.

The President's Ball at the Casino Maltese, and the Citrus Festival had already been held.

Through all adversity, we managed to organise the August Moon Ball – with strict measures, such as no dancing.

The Fine Arts Auction could be held because it is practically virtual, but events such as Rockestra and the Fun Run had to be cancelled.

In order to raise funds, it was decided to hold a fundraising Marathon in September, which was a success.

Meanwhile, the income from the Kitchen Garden was also badly affected, due to health measures.

During this period, it was decided to carry out major refurbishments of the Kitchen Garden which is still ongoing and is expected to give a completely new look to this complex, with all proceeds going to the MCCFF.

***Hopefully, what we went through in 2020 will only become a bad memory and we will not go through it again.***

I want to thank in particular the Chairperson, Ms Marlene Mizzi, for her leadership of the MCCFF as well as the staff of my office for the work in organising and preparing for the events that were held. I also want to thank all the members of the Board of Administrators and of the Supervisory Council for their work, as well as all the members of the core groups who take care of the events.

I also want to thank the staff who process requests for social and medical assistance, as well as the members of the Boards who decide on those requests.

The mission of the MCCFF is a noble and altruistic one. Expenses increased, but so has the determination not to let anyone with fair requests to be forgotten or set aside.

Going forward depends a lot on the generosity of the tens of thousands who contribute, as well as the big donors for whom I have no words to thank them enough for the donations they make regularly year after year.

When these funds are not enough, I have always found the help of Government, and I am grateful for this.

Hopefully, we will never experience another year like the year 2020.



## MESSAĠĠ MIS-SINJURA

# MIRIAM VELLA

Kemm ili li ħadt ir-rwol ta' Chairperson kemm tal-Unità Medika kif ukoll tal-Unità tal-Għajnuna Soċjali tal-MCCFF, rajt b'għajnejja stess in-numru ta' familji li l-Fondazzjoni tgħin fil-ħafna aspetti tad-diffikultajiet li jaffaċċjaw f'ħajjithom. Din hija tassew esperjenza li tagħti ħafna sodisfazzjon u ninsab grata għax-xogħol kollu li jagħmel il-persunal tal-MCCFF fejn kull ġimgħa jiltaqgħu ma' mijiet ta' persuni f'diffikultà u jlaħħqu max-xogħol ta' kuljum biex jiżguraw li l-applikanti jiġu megħjuna fl-iqsar żmien possibbli. Ninsab grata immens ukoll għall-voluntiera kollha li jgħinuna ta' kuljum.

Qabel bdiet il-pandemija, jiena u r-raġel tiegħi rnexxielna nżuru lill-pazjenti Maltin li jintbagħtu għal trattament mediku f'Londra. Hemmhekk irnexxielna niltaqgħu u nitkellmu ma' dawn il-pazjenti. Kienet esperjenza memorabbli fejn stajna naqsmu l-esperjenzi tagħhom magħhom, u t-tbatijiet li jgħaddu minnhom meta jkunu 'l bogħod minn darhom.

## *L-Unità Medika*

L-Unità Medika hija magħmula minn 5 persuni li ġejjin mis-settur mediku, finanzjarju u amministrattiv. Din l-unità tirċievi talbiet għal għajnuna medika, għajnuna lil persuni li jintbagħtu għal trattamenti mediċi barra minn Malta u talbiet għal tagħmir speċjalizzat u terapiji diversi għal persuni b'abbiltajiet differenti. Kull talba, wara li tiġi rreġistrata, tiġi diskussa u evalwata mill-membri ta' din l-unità u tittieħed deċiżjoni dwar jekk din jistħoqqilhiex l-għajnuna tal-Fondazzjoni. Numru kbir ta' dawn it-talbiet ikunu għal assistenza għal kimoterapija speċjalizzata li jammontaw għal mijiet ta' eluf ta' ewro ma' kull approvazzjoni.

Bir-restrizzjonijiet imposti matul il-pandemija tal-COVID-19, kemm l-Unità tal-Għajnuna Medika kif ukoll l-Unità tal-Għajnuna Soċjali xorta rnexxielhom jiltaqgħu kull ġimgħa, għalkemm virtwalment, biex niżguraw li kull talba tiġi indirizzata fl-iqsar żmien possibbli.

## *L-Unità tal-Għajnuna Soċjali*

L-Unità tal-Għajnuna Soċjali hija magħmula minn 6 persuni b'esperjenza vasta fil-qasam tal-Ħidma Soċjali. Din l-unità wkoll tiltaqa' kull ġimgħa u tassisti f'talbiet li jsiru għal bżonnijiet bażiċi bħal Vawċers tal-Ikel, tagħmir tad-dar u talbiet għal bżonnijiet bażiċi. Kull talba, meta tasal, l-ewwel tiġi evalwata mit-tim ta' Ħaddiema Soċjali tal-MCCFF li huma bbażati fl-uffiċċji tagħna l-Belt Valletta. L-evalwazzjoni tal-Ħaddiema Soċjali ħafna drabi tinvolvi żjara d-dar fejn wieħed ikun jista' jieħu stampa ċara tas-sitwazzjoni tal-Applikant u b'dan il-mod jiġi ddeterminat jekk it-talba għal għajnuna tkunx ġenwina u kif l-MCCFF tista' mbagħad tgħin.

Dan l-aspett tal-ħidma tal-MCCFF f'din l-unità jmiss il-laħam il-ħaj tas-soċjetà tagħna, fejn sfortunatament wieħed jara familji jbatu fis-skiet minħabba l-istigma li jġib il-faqar.

Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-membri kollha taż-żewġ Unitajiet għall-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom fi ħdan il-Malta Community Chest Fund Foundation.

Since I have taken the role of Chairperson of both the Medical Unit and the Social Assistance Unit of the MCCFF, I have seen firsthand the amounts of families the Foundation assists in the many aspects of the difficulties they encounter in their lives. This is indeed a rewarding experience and I am grateful for all the work done by the staff of the MCCF where each week they encounter hundreds of persons in difficulties and in keeping up with the daily work to ensure that applicants are assisted in the shortest time. My gratitude towards the volunteers that assist us on a daily basis is also immense.

Before the start of the pandemic, my Husband and I managed to visit the Maltese patients sent abroad for medical treatment in London. Whilst there we managed to meet and talk to these patients. It was a memorable experience to be able to share with them their experiences, and the hardships they encounter while they are far from home.

## *Medical Unit*

The Medical Unit is composed of 5 persons coming from the medical, financial and administrative sectors. This unit receives requests for medical assistance, assistance from persons sent abroad for medical treatments and requests for specialized equipment and various therapies for persons with different abilities. Each request after it is registered is discussed and assessed by the members of this unit and a decision whether it merits the Foundation's help is then taken. A large number of these requests are for specialized chemotherapy assistance which amounts to hundreds of thousands of Euros on each approval.

During the restrictions imposed during the Covid 19 Pandemic both the Medical Assistance Unit and the Social Assistance Unit still managed to meet weekly, albeit remotely to make sure that each request is addressed in the least time possible.

## *Social Assistance Unit*

The Social Assistance Unit is composed of 6 persons with vast experience in the field of Social Work. This Unit also meets weekly and sees to requests made for basic needs such as Food Vouchers, Home appliances and requests for basic needs. Each request when submitted is first assessed by the MCCF's team of Social Workers who are based at our Valletta offices. The Social Worker's assessment most times involves a home visit where one is given a clear picture of the Applicant's situation and in this way it is determined if the request for assistance being made is genuine and how the MCCF can then help.

This aspect of the MCCF's work in this unit touches a raw nerve of our society, where unfortunately one sees families suffering in silence because of the stigma poverty brings.

I take this opportunity to thank all members of both Units for their work and dedication towards the Malta Community Chest Fund Foundation.





# MARLENE MIZZI
Chairperson tal-Bord tal-Amministraturi

Il-Malta Community Chest Fund Foundation, hi probabbilment, l-iktar organizzazzjoni magħrufa fost l-organizzazzjonijiet kollha tal-karità f'Malta, mhux biss minħabba l-patroċinju prestiġjuż tal-Kap tal-Istat, iżda wkoll minħabba l-fatt li l-ħidma tagħha tilħaq firxa wiesgħa ta' bżonnijiet tas-soċjetà tagħna, bħal:

- Dawk li huma vulnerabbli u fil-bżonn;
- Familji taħt il-linja tal-faqar u li għal xi raġuni jew oħra, m'għandhomx għaxja ta' lejla;
- Persuni li qegħdin jaffaċċjaw mard serju – kanċer, u/jew mard ieħor – iżda li ma jistgħux iħallsu għal trattamenti u mediċina li jsalvawlhom ħajjithom jew jgħinuhom jgħixu ħajja aħjar;
- Qraba li jakkumpanjaw lil xi ħadd tal-familja għal trattament barra minn Malta.

Il-MCCFF qiegħda hemm biex tgħin lil dawn in-nies jaffaċċjaw il-problemi tagħhom billi tassistihom finanzjarjament kif ukoll psikoloġikament.

Għalkemm dan jista' jinstema' xi ftit insensittiv, dan l-appoġġ li nagħtu lis-soċjetà ma jistax isir mingħajr flus.

Madankollu, inħoss li din il-Fondazzjoni, xi drabi, tittieħed for granted u ftit jirrealizzaw jew japprezzaw il-ħidma, l-isforz, u l-livell ta' appoġġ li l-Community Chest Fund tagħti lis-soċjetà tagħna. Ftit jirrealizzaw li l-MCCFF tħallas medja ta' €1.2 miljun fix-xahar f'appoġġ, fost l-oħrajn għal:

- Trattamenti kontra l-kanċer li jista' jiswa 'l fuq minn €120,000 għal kull persuna fis-sena;
- Il-vouchers tal-ikel jiswew lill-Fondazzjoni kważi €20,000 fix-xahar - mogħtija lil dawk il-familji, normalment bit-tfal, li ma jkollhomx biex jixtru l-ikel bażiku u affarijiet oħra biex jgħixu b'mod diċenti;
- Il-MCCFF tiffinanzja wkoll ġenituri ta' tfal, jew qraba oħra li jirċievu trattament mediku barra minn Malta, u li għal xi raġuni ma jistgħux joqogħdu waħedhom. Il- Fondazzjoni tħallas it-titjiriet tagħhom, l-allowances ta' kuljum biex jixtru ikel u għat-transport – normalment għal ħafna u ħafna xhur.

Dawn huma ftit mill-eżempji tas-sapport li l-MCCFF tagħti lil dawk li jiġu għandna għall-għajnuna. Iżda aħna nagħmlu dan bi pjaċir u b'sodisfazzjon, li naraw stejjer ta' suċċess joħorġu mid-diqa li joħolqu l-mard serju u s-sitwazzjonijiet diffiċli tal-ħajja.

Dan kollu jsir bis-saħħa ta' tim iddedikat ta' ħaddiema soċjali, u amministraturi u uffiċjali klerikali, kif ukoll tim ta' voluntiera,li jagħtu s-servizz tagħhom lill-Fondazzjoni.

Sfortunatament, minħabba l-pandemija globali, is-sena 2020 kienet partikolari ħafna. Qegħdin ngħixu ħajja ta' slow motion surreali fejn dak li nafuh bħala normali kważi ntesa. Ħafna negozji, avvenimenti u attivitajiet soċjali kellhom jieqfu minħabba l-COVID... iżda sfortunament, għalkemm ħafna affarijiet waqfu, il-kanċer u l -mard serju ma waqfux. U lanqas ma waqaf il-faqar – għax il-pandemija ħolqot aktar tbatija lil dawk il-familji fejn il-breadwinner tal-familja tilef l-impjieg tiegħu , u lil dawk in-negozji li kellhom jagħlqu għax ma felħux għall-isfidi ekonomiċi li nħolqu.

Ovvjament, il-COVID affettwat lill-Fondazzjoni wkoll, peress li ħafna mill-attivitajiet ta' ġbir ta' fondi, kellhom jitħassru, li jfisser li d- dħul tal-Fondazzjoni naqas sew. Attivitajiet li jattiraw donazzjonijiet sostanzjalil bħal The President's Solidarity Fun Run u Rockestra kellhom jitħassru. Il-Fondazzjoni qiegħda taffaċċja sitwazzjoni paradossali fejn it-talbiet għall-għajnuna żdiedu filwaqt li l-fondi tagħna naqsu.

L-August Moon Ball sar b'format differenti mis-soltu biex il-protokolli maħruġa mill-awtorità tas-saħħa ġew irrispettati. Saret telethon f'Settembru, fejn il poplu Malti wera għal darba oħra il-ġenerosità tiegħu lejn il-Fondazzjoni. Dakinhar inġabru aktar minn miljun ewro. L-Istrina ġiet organizzata wkoll – għalkemm problema teknika swiet lill-Fondazzjoni kważi miljun ewro. (Ġejna mgħarrfa b'dan fi Frar 2021)

Il-pandemija affetwat ukoll il-President's Kitchen Garden, li d-dħul minnu jmur għal Fondazzjoni. Ir-restrizzjonijiet tal-Covid għalqu r-restaurants u dan fisser li d-dħul tal-Kitchen Garden ġie fix-xejn . Nispera li x-xogħolijiet ta' tisbieħ li qed isiru jpattu għal dan it-telf sostanzjali.

L-amministraturi tal-Fondazzjoni, huma konxji li din l-entitaà hi responsabbli għal miljiuni ta' ewro fis-sena – li joriġinaw minn donazzjonijiet kif ukoll mill-għajnuna tal-Gvern. Għaldaqstant nassiguraw li l-organizzazzjoni tirrispetta strettament ir-regoli ta' governanza u titmexxa fuq il-prinċipji tal-akkonatbilità, trasparenza u u integrità . Biex nimxu mad-direttivi kontra l-ħasil tal-flus, nesiġu li donazzjonijiet fi flus kontanti ma jeċċedux il-€500 minn donatur wieħed. Il-maġġoranza tad-donazzjonijiet jiġu permezz ta' trasferimenti bankarji jew cheques biex b'hekk ikollna moħħna mistrieħ mill-oriġini tad-donazjonijiet. Il-membri tal-Bord tal-Amministraturi huma wkoll personalment soġġettii għal due diligence li jesiġu l-banek.

Imma irrispettivament mis-sitwazzjoni diffiċli, xogħolna ma waqafx u mhux se jieqaf. Il-missjoni tagħna tkompli bil-għan li nkomplu ngħinu finanzjarment lil kull min jiddependi fuqna għal għajxien dinjituż, għajnuna psikoloġika u ħafna drabi għal ħajjihtom stess.

Finalment, nixtieq nirringrazzja lil E.T. George Vella, il-President ta' Malta u s Sinjura tiegħu Miriam Vella għad dedikazzjoni tagħhom lejn il-Fondazzjoni. L-imħabba li għandhom għal membri vulnerabbli tas-socjetà hija ta' ispirazzjoni għalina lkoll. Grazzi wkoll lill-membri tal-Bord tal-Amministraturi, u tal-Kunsill tas-Superviżjoni, lill–membri tal-Unit Mediku u Assistenza Soċjali, lill-impjegati tal- Fondazzjoni, lill-voluntiera, lill-isponsors u donaturi, u lill-kull min b'xi mod jew ieħor jgħin il-missjoni nobbli tal-Malta Community Chest Fund Foundation.



The Malta Community Chest Fund Foundation is probably the most well-known of all Maltese Charity organizations, not only because of its prestigious patronage by the Head of State, but also because its benevolence is extended to a wide spectrum of needs of our society, namely :

- **Persons in our society who are vulnerable and needy;**
- **Persons and families below the poverty line who for some reason or other, cannot afford basic needs;**
- **Persons facing a life-threatening illness – cancer, and/or other serious conditions, who cannot afford life-saving or life-enhancing medical drugs or treatments.**
- **Persons who need to accompany relatives in need of medical treatment abroad**

The MCCFF is there to help these members of our society by assisting them financially as well as psychologically.

Callous as it may sound, thesupport we give to society cannot be done without money.

Yet, I suspect that this Foundation is sometimes taken for granted and few realize or appreciate the work, the effort, the level of support which The Community Chest Fund gives and contributes to our society.

Few realize that the MCCFF pays an average of €1.2 million euros per month in supporting , amongst others:

- **Courses of cancer treatment which can cost over €120,000 per person per year.**
- **Food vouchers costing the Foundation nearly €20,000 per month - given to those families , usually with children, who lack the means to put decent food on the table, or buy basic needs.**
- **The MCCFF also finances stays abroad for parents of little children, or relatives of persons who cannot travel on their own in order to receive treatment abroad. The Foundation finances their flights, their daily allowances to cover food and transportation – if ned be, for substantial number of months.**

The Foundation extends its assistance with the pleasure of knowing that we are helping; with the satisfaction of seeing success stories emerge from the heartbreak of serious illnesses and sad life-situations...but unfortunately this is not always the case.

This is all done thanks to a very dedicated team of social workers, administrators , and clerks as well as a team of volunteers.

Unfortunately, due to the current global pandemic, 2020 has been a very particular year, in more ways than one. We are living in a surreal life in slow motion, where what was previously considered 'normal' is now almost forgotten. Businesses, events and social activities came to a stop .... but unfortunately it did not stop cancer and other serious illnesses. Nor did it stop, poverty. On the contrary, the pandemic has caused financial and economic hardship to those families whose bread winner lost a job, and to those business owners who could not sustain the economic strain caused by the pandemic and had to close down.

Obviously, Covid affected the Foundation too, because most of our fund-raising events had to be cancelled, which means that our income stream was reduced significantly . Main income generating events like the Rockestra and the Funrun had to be cancelled. The MCCFF faced a situation where requests for assistance increased, while our potential for funds decreased.

The traditional August Moon Ball was held , and in order to comply strictly with health protocols in place, the format was different from the usual . A September telethon was organised and the generous Maltese public did not let the Foundation down. More than €1million euro was donated on the day. The 2020 Istrina was also held - also in different format form the usual- and not without the excitement of a technical glitch which cost the Foundation nearly €1million in over stated donations. (The information of this technical glitch was made known to the MCCFF in February 2021)

The pandemic also affected the Kitchen Garden, where income is in aid of the Foundation. The closure of restaurants for so many months dented the income from this activity to a very serious degree. We hope that the current upgrading of the premises will make up for such significant losses.

The Administrators of the Foundation are well aware that this is an organisation dealing with millions of euros per year – originating mainly from donations, as well as from Government support. In this regard we ensure that the organisation observes strict governance rules and is based on the principles of accountability, transparency and integrity. In compliance with Anti Money laundering directives, it is ensured that cash donations do not exceed €500 from a single donor. The absolute majority of donations made to the Foundation are through Bank transfers or cheques in order to ensure the source of origin of donated funds. All members of the Board of Administrators are subjected to strict due diligence by Banks .

Irrespective of the current situation our work did not stop and will not stop. We will continue our mission so that we can continue to finance those who depend on us for so many vital things: for a decent dignified living, for psychological support, and many times depend on us for their very life.

Finally I would like to thank H.E President George Vella and the First Lady, Miriam Vella for their dedication to the Foundation. Their love for the more vulnerable members of our society is an inspiration to us all. Thanks is also due to the members of the Board of Administrators and Supervisory Council, to the members of the Medical Unit and Social Assistance Unit, to the staff of the Foundation, to all the volunteers , to the sponsors and donors , and to all those who in one way or other support the noble mission of the Malta Community Chest Fund Foundation.





# Membri tal-Unit tal-Assistenza Medika

Members of the Medical Assistance Unit

**Mrs Miriam Vella**
*Chairperson*

**Ms Claire Micallef Pule'**
*Secretary*

**Dr Antoine Vella**
*Member*

**Mr Mark Mizzi**
*Member*

**Mr Charles Messina**
*Member*

# Membri tal-Unit tal-Assistenza Soċjali

Members of the Social Assistance Unit

**Mrs Miriam Vella**
*Chairperson*

**Ms Carla Caramagna**
*Secretary*

**Mr Joe Sammut**
*Member*

**Ms Josephine Muscat**
*Member*

**Ms Adriana Zarb Adami**
*Member*

**Mr Anthony Mifsud**
*Member*








# DR NICK REFALO

Clinical Chairperson & Consultant Clinical Oncologist

Sir Anthony Mamo Oncology Centre

It-terapija kontra l-kanċer tinsab f'evoluzzjoni kontinwa. Hemm kull possibbiltà li ħafna mit-trattamenti li qegħdin jintużaw illum se jsiru obsoleti f'futur mhux daqshekk 'il bogħod, u minflok, tintuża medikazzjoni iktar effettiva u forsi inqas tossika. Hemm kull possibbiltà li se jkun hemm trattamenti, fejn qabel ma kienx hemm. Bħala eżempju, insemmi l-każ ta' kanċer metastatiku fil-kliewi. Ftit inqas minn 20 sena ilu, l-unika terapija disponibbli għal kanċer avvanzat fil-kliewi kien interferon, li l-effikaċja tiegħu f'din il-kundizzjoni kienet, l-iktar l-iktar, waħda modesta, tant li m'għadux jintuża lokalment għat-trattament ta' tali marda. Minflok, għandna pletora ta' mediċini b'ismijiet strambi u sbieħ li joffru titjib reali fit-tul tal-ħajja u fil-kontroll tas-sintomi, mediċini bħal Sunitinib, Pazopanib, Axitinib, Cabozantinib, Everolimus, Nivolumab u Pembrolizumab, biex insemmi ftit minnhom. U dawn huma biss medikazzjonijiet għal tip wieħed ta' kanċer.

L-iktar ħaġa affaxxinanti hija li, kif għidt qabel, dan il-proċess qiegħed dejjem jinbidel. Aspett wieħed tar-riċerka dwar il-kanċer jiffoka fuq provi kliniċi biex jiġu stabbiliti standards ġodda ta' kura għal varjetà ta' kundizzjonijiet, li normalment ifisser li t-trattament standard tal-lum mhux se jkun it-trattament standard ta' għada.

Minkejja l-aqwa sforzi tal-gvern, huwa kważi impossibbli li wieħed ilaħħaq mar-riċerka b'tali mod li l-iktar medikazzjoni reċenti tkun disponibbli mill-ewwel. Normalment il-proċess biex il-medikazzjonijiet il-ġodda jiġu assorbiti fil-formularju huwa wieħed twil ħafna, għax minbarra d-data u r-riżultati dwar is-sigurtà, wieħed irid jikkunsidra wkoll il-proċessi ta' baġits u potenzjalment ta' tenders.

Hemm ħafna affarijiet x'wieħed jista' jgħid dwar it-terapija moderna kontra l-kanċer, imma hemm fatt wieħed li japplika kważi dejjem. Dawn il-mediċini jiswew ħafna flus. Xi trattamenti jistgħu jiswew diversi eluf ta' Euro għal ftit xhur ta' terapija, oħrajn jistgħu jitilgħu għal mijiet ta' eluf għal kors ta' trattament. Dawn iċ-ċifri jfissru li tali terapiji jistgħu ma jkunux aċċessibbli għall-ħafna, u b'hekk ma jkunx possibbli li jgawdu mill-benefiċċji li potenzjalment joffru.

Jew dan ma kienx ikun possibbli mingħajr il-ġenerożità u l-appoġġ ġeneruż ħafna tal-Malta Community Chest Fund. Din l-organizzazzjoni, bil-President ta' Malta bħala l-kap titulari tagħha, ma ġietx imwaqqfa bl-għan espliċitu li tiffinanzja terapija kontra l-kanċer. Madankollu, matul is-snin, hekk kif it-trattament kontra l-kanċer beda jiswa ħafna iktar flus, għarfet il-bżonn li kien hemm, u b'mod rapidu u effettiv ħadet dan ir-rwol. Dan tant għamlitu b'effett spettakolari li llum, kull meta tkun meħtieġa terapija kontra l-kanċer li ma tkunx disponibbli fil-formularju, tintalab mill-ewwel l-għajnuna tal-MCCF u jingħata appoġġ.

Fil-fehma tiegħi bħalissa r-rwol tal-MCCF huwa indispensabbli għalina l-onkologi f'Malta. Mingħajr l-assistenza tagħha, ħafna trattamenti ma jkunux jistgħu jiġu kkunsidrati u f'xi każijiet l-għajnuna li nkunu nistgħu noffru tkun għalhekk serjament ristretta. Ma nkunx qed nesaġera meta ngħid li hemm diversi pazjenti ħajjin illum li jafu s-sopravivenza tagħhom lill-appoġġ mill-MCCF biex jixtru l-mediċini li kieku l-akkwist tagħhom kien ikun kważi impossibbli.

Madankollu, aħna l-onkologi nagħrfu wkoll il-piż enormi li dan poġġa fuq din l-organizzazzjoni, piż li ma jidhirx li se jonqos fil-futur qarib għax l-ispejjeż tat-trattamenti kontra l-kanċer għadhom dejjem jiżdiedu. Fl-aħħar mill-aħħar, l-MCCF tiddependi wkoll mill-appoġġ tan-nies, għax mingħajr id-donazzjonijiet ma jkunx hemm fondi allokati għal din il-kawża.

Fost il-ħafna modi kif l-MCCF tipprovdi l-għajnuna, jistħoqqilha u għandha l-gratitudni tagħna talli ħadet dan ir-rwol tant umanitarju, li huwa essenzjalment dak li taġixxi bħala fond għall-mediċina kontra l-kanċer. Din hija kawża nobbli li ma hija pprovduta mill-ebda organizzazzjoni oħra lokalment. B'hekk, din toffri lill-pazjenti u lill-familji tagħhom l-iktar sentiment kruċjali – it-tama.

> “The MCCF is vital for us as oncologists in Malta. Without its assistance, many treatments would be off limits and the help we would be able to offer in some instances would therefore be seriously restricted.”

Anti-cancer therapy is in continuous evolution. There is every chance that many treatments being used today will have become obsolete in the not-too-distant future, replaced by more effective and perhaps less toxic medication. There is every chance that there will be treatments, when previously there were none. As an example, let me cite the case of metastatic kidney cancer. Just under 20 years ago, the only therapy available for advanced kidney cancer was interferon, whose efficacy in this condition was modest at best, so much so that it is no longer used locally to treat such an illness. Instead we have a plethora of drugs with weird and wonderful names which offer real improvements in longevity and symptom control, drugs such as Sunitinib, Pazopanib, Axitinib, Cabozantinib, Everolimus, Nivolumab and Pembrolizumab, to name but a few. And these are just medications for one type of cancer.

What is truly fascinating though is that, as stated earlier, this process is in constant flux. One aspect of cancer research focusses on clinical trials to establish new standards of care for a variety of conditions, which typically means that standard treatment today will not be standard treatment tomorrow.

Despite the government’s best efforts, it is next to impossible to keep abreast with research in such a way that the latest medication is available immediately. It is usually a long-drawn out process for new medications to be absorbed into the formulary, because apart from safety data and results, one also has to consider budgeting and potentially tendering processes.

Many things can be said about modern cancer therapy, but one fact applies almost ubiquitously. These drugs are expensive. Some treatments may cost several thousands of Euros for a few months’ worth, others may even run into the hundreds of thousands for a course of treatment. These figures mean that such therapies may be inaccessible to the many, and hence the benefits they potentially offer are out of bounds.

Or they would be, were it not for the generosity and unstinting support of the Malta Community Chest Fund. This organization, with the President of Malta as its titular head, did not start life with the express purpose to fund anti-cancer therapy. However, over the years, as anti-cancer treatment became increasingly expensive, it was able to recognize the need that had been created, and rapidly and effectively subsumed this role. It has done this to such spectacular effect that today, whenever somebody requires cancer therapy which is unavailable on the formulary, the help of the MCCF is immediately solicited and support is provided.

I would say that currently the role of the MCCF is vital for us as oncologists in Malta. Without its assistance, many treatments would be off limits and the help we would be able to offer in some instances would therefore be seriously restricted. I do not think that it would be an exaggeration to say that there are several patients alive today who owe that survival to support from the MCCF in purchasing of drugs which would otherwise have been beyond their reach.

However we as oncologists also recognize the enormous strain that this has placed on such an organization, a strain which is unlikely to be reduced anytime soon given that the cost of anti-cancer treatments continues to soar. Ultimately the MCCF depends also on the support of the people, because without charitable donations there would be no funds to be allocated to such a cause.

Among the many ways in which the MCCF provides help, it deserves and enjoys our gratitude for taking over this deeply humanitarian role, which is essentially that of acting as a cancer drug fund. This is a noble cause, not provided by any other organization locally. By doing this, it offers the patients and their families that most crucial of sentiments – hope.



# CLAIRE MICALLEF PULE’

Community Chest Fund Manager

## L-UFFIĊĊJI PRINĊIPALI
## TAL-MALTA COMMUNITY CHEST FUND
## FIL-PALAZZ, IL-BELT VALLETTA

L-uffiċċji prinċipali tagħna jinsabu fil-Palazz, il-Belt Valletta u kull nhar ta’ Tnejn u Erbgħa t-tim tagħna kollu jkun hemm biex jilqa’, jassisti u jitkellem mal-membri tal-pubbliku li jkollhom mistoqsijiet jew li jissottomettu applikazzjoni għall-għajnuna.

Kif wieħed jista’ jassumi, aħna nilqgħu nies minn kull qasam tal-ħajja u t-talbiet ivarjaw mill-iktar affarijiet sempliċi bħal oġġetti bażiċi tal-ikel, sal-iktar kimoterapija reċenti li ħarġet fis-suq, jew mill-bżonn ta’ vjaġġ għal trattament mediku barra minn Malta, sa sptarijiet speċjalizzati. Il-membri tat-tim tagħna jinkludu impjegati li jvarjaw minn persunal klerikali, Ħaddiema Soċjali u voluntiera.L-Impjegati u l-Voluntiera li jassistu f’dan ix-xogħol, ġew imħarrġa dwar kif iġibu ruħhom mal-pubbliku; x’mistoqsijiet isaqsu u x’sinjali jfittxu biex jistabbilixxu relazzjoni li fiha l-applikanti jħossuhom li qegħdin f’post sikur ma’ xi ħadd li jista’ jifhimhom u jgħinhom.

Fil-ġranet l-oħra tal-ġimgħa, il-membri tat-tim tagħna jirreġistraw l-applikazzjonijiet, jibagħtu l-korrispondenza, jagħmlu appuntamenti għal żjarat id-dar jew l-uffiċċju u jiltaqgħu flimkien biex jiddiskutu u joħorġu numru ta’ vawċers tal-ikel kull ġimgħa filwaqt li r-receptionists tagħna jieħdu ħsieb mijiet ta’ telefonati kull ġimgħa. Is-Segretarji tal-Unitajiet rispettivi jippreparaw ukoll ix-xogħol għal kull laqgħa tal-unità li ssir kull ġimgħa u wara dawn il-laqgħat ta’ kull ġimgħa, tintbagħat il-korrispondenza lill-applikanti biex jiġu informati bid-deċiżjonijiet meħuda. Jinżamm ukoll kuntatt kontinwu mal-uffiċċji tagħna f’Għawdex u f’SAMOC biex naraw li l-persuni li jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom hemmhekk qed jiġu ttrattati wkoll bl-istess mod.

Meta naħseb dwar ix-xogħol tagħna ta’ kuljum, nerġa’ nikkonferma r-responsabbiltà li aħna lkoll għandna meta ta’ kuljum niltaqgħu ma’ persuni li jkollhom problemi, u l-bżonn li naħdmu tajjeb bħala tim wieħed u anki li jkollna superviżjoni fejn nistgħu nitkellmu u naqsmu l-esperjenzi tagħna b’mod speċjali meta niltaqgħu ma’ tali tbatija, mard kroniku u xi drabi anki mewt. L-importanza li l-membri tat-tim tagħna jieħdu ħsieb lilhom infushom meta jittrattaw dawn is-sitwazzjonijiet diffiċli hija indispensabbli.

